MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 1916/2001/1

**Avukat Leslie Grech bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza ta' Linda Rosemary Stone imsiefra.**

**-vs-**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Dicembru, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-konvenut premezz ta' ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru, 2001 (fotokopja hawn annessa u mmarkata Dok. A) javvanza l-pretenzjoni zbaljata ghas-somma ta' tmien elef, tmien mija u erbghin lira Maltin (Lm8,840) deskritta minnu "kwantu ghal sebat elef u sitt mija u sebgha u tmenin lira Maltin (Lm7,687) fi hlas lura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas-sena ta' stima 2000 u kwantu ghal elf u mija u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm1,153) bhala taxxa addizzjonali… .", u inoltre bl-istess ittra ufficjali l-konvenut jippretendi li "jipprocedi ghall-esekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa." – dan meta l-pretenzjoni tieghu hija zbaljata u mhux dovuta mill-attur nomine.

Illi ghas-sena bazi 1999 (ossia sena ta' stima 2000) l-attur nomine kien issottometta formola ta' "self-assessment" fejn kien iddikjara bhala taxxa dovuta ghall-imsemmija sena bazi 1999 is-somma ta' ghaxart elef u hamsa u tletin lira Maltin (Lm10,035) – fotokopja hawn annessa u mmarkata Dok. B (konsistenti f'tlett (3) pagni).

Illi fir-rigward tal-fuq imsemmija sena bazi 1999 il-konvenut fir-rendikont tieghu tal-5 ta' Ottubru, 2000 u fir-rendikont tieghu sussegwenti kiteb "Tax due (Self assessment) Lm16,087" liema somma ma tirrizulta minn l-ebda self-assessment u ghalhekk hija zbaljata.

Illi l-attur nomine issottometta formola "Adjustment" b'ittra tieghu datata 2 ta' Novembru, 2000 (fotokopji hawn annessi u mmarkati Dok. C1 (l-ittra) u Dok. C2 (il-formola) u bihom l-attur nomine (a) ghamel riferenza ghall-izball li ghamel il-konvenut fir-rendikont u (b) indika illi kienet dovuta rifuzjoni

mill-konvenut lill-attur nomine billi l-attur nomine hallas izjed mit-taxxa dovuta.

Illi l-konvenut injora kemm il-fuq imsemmija formola “Adjustment” u kif ukoll l-ittra ta’ l-attur nomine tat-2 ta’ Novembru, 2000.

Illi l-attur nomine ma ghandu jhallas l-ebda taxxa jew penali jew taxxa addizzjonali anzi ghandu jiehu rifuzjoni. Id-dikjarazzjoni ta’ l-income ta’ l-attur nomine tas-sena bazi 1999 (sena stima 2000) giet assessjata u peress li l-attur nomine ma kellux ihallas taxxa l-assessur immarka formola 02 ghas-Central Bank “no objection” u ta l-kunsens tieghu sabiex l-attur nomine jibghat lil Linda Rosemary Stone il-flus taghha.

Illi minkejja li l-konvenut gie debitament interpellat sabiex jirtira il-pretenzjonijiet kontenuti fil-fuq imsemmija ittra ufficjali tieghu tad-29 ta’ Ottubru, 2001 huwa baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-pretenzjonijiet kontenuti fl-ittra ufficjali tal-konvenut datat 29 ta’ Ottubru, 2001 indirizza lil Ms Linda Rosama Stone u l-istess ittra ufficjali minghajr l-ebda bazi legali u fattwali u ghalhekk nulli.

2. Tikkundanna lill-konvenut jirtira l-fuq imsemmija pretenzjonijiet tieghu kontenuti fl-istess ittra ufficjali tad-29 ta’ Ottubru, 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dawn ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Novembru, 2001.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fil-11 ta’ Frar, 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok din il-kawza hija irritwali stante illi l-uniku mod sabiex tigi attakkata stima ta' taxxa mahruga mill-esponent huwa permezz ta' oggezzjoni maghmula fi zmien 30 jum minn meta t-taxpayer jircievi tali stima, u dan ai termini ta' l-Artikolu 33(2) ta' l-Att li jirregola l-gbir tat-taxxa fuq l-income.

2. Illi ghaldaqstant l-azzjoni odjerna mhijiex permissibbli peress li imkien fil-ligi tat-taxxa ma hemm prevista tali azzjoni, u ghalhekk l-esponent issa akkwista titolu ezekuttiv li ma jistax jigi attakkat mill-attur bil-mod illi ghazel hu.

3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, jekk verament l-attur huwa konvint li l-ammont mitlub mill-esponent fl-ittra ufficjali tad-29 t'Ottubru fir-rigward tas-sena bazi 1999 (sena ta' stima 2000) mhuwiex dovut, l-esponent huwa lest illi jilqa' lill-attur fid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni fejn l-istess attur ikun jista' jissottometti adjustment form AF1.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa minn Adrian Chetcuti u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha ceda l-kawza fuq il-mertu izda zamm ferm fuq il-kap tal-ispejjes.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' April 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjes.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur nomine kien qed jitlob dikjarazzjoni illi l-pretensjonijiet kontenuti fl-ittra ufficjali tal-konvenut tad-29 ta’ Ottubru 2001 kienu bla bazi u ghalhekk nulli. Fil-mori tal-kawza intlahaq ftehim fuq l-ammont dovut mill-mandatarja tieghu u kwindi il-kwistjoni pendenti hija biss dwar il-kap tal-ispejjes.

Mill-provi jirrizulta li l-attur kien iddikjara fuq il-formola normali tas-self assessment illi l-mandatarja tieghu kellha thallas is-somma ta’ LM10,035 izda l-konvenut fil-formola li baghat lill-attur kien talab is-somma ta’ Lm16,087. L-attur kien anke issottometta formola ta’ aggustament fejn indika li kien hallas zejjed u ghalhekk kienet dovuta rifuzjoni. Dan f’Novembru tas-sena 2000. Il-konvenut xorta baghat l-ittra ufficjali imsemmija f’Ottubru 2001 u ghalhekk l-attur skond il-ligi bilfors kellhu jistitwixxi din il-kawza ghaliex il-konvenut kien ikollu titolu esekuttiv.

Il-konvenut qed isostni illi l-attur kellhu joggezzjona entro’ t-tletin gurnata imsemmija fl-Att rilevanti meta jircievi l-istima.

Ghandu jinghad li fir-rigward tal-formola tal-aggustament illi l-attur fil-fatt jidher li kien baghatha fit-2 ta’ Novembru 2000 (Fol 9). Ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif id-dipartiment ghaddas rasu u baghat l-ittra ufficjali kwazi sena wara. Il-Qorti hija tal-fehma illi independentement mill-fatt jekk l-attur kellux joggezzjona entro t-tletin gurnata ghall-istima li intbaghtet mill-konvenut, l-istess dipartiment immexxi mill-konvenut kien jaf, jew messu kien jaf li l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali ma kienx dak dovut, u ma hux sew illi dipartiment governattiv jimxi bl-hekk imsejjha *blinkers* li jillimitaw il-vista taz-zwiemel meta bi ftit ta’ sens komun ic-cittadin jigi liberat minn certu dwejjaq u

skarigg, specjalment fil-kaz ta’ hlas ta’ taxxa li hija materja ta’ importanza fil-hajja tal-istess cittadin.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fir-rigward tal-mertu, tikkundanna l-konvenut ihallas l-ispejjes tal-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------